MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Mandat Numru. 19/2007/1

**Nita Gavin u Tania Galea**
**vs**

**Kenneth William Donaldson u**
**Health Managers (Malta) Ltd.,**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2007.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet l-avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi hawnhekk il-Qorti ghandha quddiema talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni relatat mal-gestjoni ta’ socjeta’ kummercjali.

Issa l-ligi tipprovdi ghall-hrug ta’ tali mandat Art. 873 (1) li l-iskop tieghu hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat

Il-ligi tkompli biex tghid Art. 873 (2) li l-Qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Minn dan johorgu z-zewg elementi, kumulativi u mhux alternattivi, li tirrikjedi l-ligi sabiex ikun gustifikat il-hrug ta’ tali mandat.

Fil-kaz quddiem il-Qorti, ir-rikorrenti huma t-tnejn azzjonisti u r-rikorrenti Gavin hija direttur tas-socjeta kummercjali Health Managers Malta. Dan il-fatt fih innifsu jimporta jeddijiet prima facie u, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghalhekk, l-ewwel rekwizit tal-ligi ghall-hrug ta’ mandat jinsab sodisfatt.

Il-ligi taghti lil Nita Gavin bhala direttur dmir ta’ sorveljanza li ghalhekk minnu nnifsu jimplika prima facie drittijiet.

Wkoll, bhala azzjonisti, ghalkemm minoritarji, ir-rikorrenti ghandhom dritt li d-dirigenza tal-kumpanija ghandha obbligu tissalvagwardja, u dan huwa d-dritt ghal tmexxija ghaqlija tas-socjeta’.

It-tieni element li tirrikjedi il-ligi huwa dak ta’ pregudizzju ghall persuna li qed titlob il-mandat.

F’dan il-kuntest, ix-xhieda tal-partijiet kienet estensiva u kkomprendiet hafna fatti u fatturi li mhux il-kaz li il-Qorti tikkumenta dwarhom illum. Pero’ il-Qorti tinsab sodisfatta

illi t-tmexxija tas-socjeta qed issir b'certa leggerezza li tista tirreka pregudizzju.  Il-fatt li tali leggerezza per ezempju ghar-rigward ta' trasferiment ta' flus minn kont ghal iehor, u hlas lura ta' debiti, li ma jirrizultawx dokumentati.

Il-Qorti nnotat ukoll nuqqas ta' serjeta' fejn jidhol l-ammont ta' kumpens li jithallas lid-diretturi.

Il-fatt li tali leggerezza kienet tigi accettata mir-rikorrenti sakemm inbidlu c-cirkostanzi personali bejn il-partijiet Gavin u Donaldson ma tnaqqqas xejn mis-serjeta' tac-cirkostanzi.

Il-mandat qed jintalab ukoll fil-konfront ta' Health Managers Malta Ltd.,  Il-Qorti hawnhekk tirrimarka illi s-socjeta' ma tistax "tagixxi bhala direttur jew bhala rapprezentant legali jew giudizzjarju tas-socjeta intimata". Ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti tidhol aktar fil-fond fit-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tas-socjeta innifisha.

Ghaldaqstant il-Qorti tipprovdi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Ken Donaldson, u tichdu fil-konfront tas-socjeta intimata.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Ken Donaldson.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------